MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Numru. 1241/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**

**KONTRA**

**GEORGE BORG ta' 56 sena, iben Calcedonio u Pawla nee' Vella, imwieled Tal-Pieta' nhar is-27 ta' Ottubru, 1953, residenti fil-fond numru 13, Filby Broadhouse, Triq Sir Arthur Fremantle, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 786853M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **GEORGE BORG** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-30 ta' Marzu, 2009 u fix-xhur ta' qabel fil-hanut bl-isem ta' KYS DVD Rentals, ta' 146, Triq Manuel Dimech, Sliema:

a. Iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid, jew

b. Ghamel uzu xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. Xjentement qieghed fir-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq, u cioe' diversi CDs tal-muzika, DVD films, u loghob tal-Playstation ;

2. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet, u cirkostanzi, ghall-qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha;

3. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghall-qliegh jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku, jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel jew dahhal f'Malta jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampa, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxen;

4. U aktar talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb fuq l-istess;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, ghal liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **GEORGE BORG** hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 298, 298B, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda wara li rat l-istqarrija u l-ammissjoni bikrija tieghu, tikkundannah ghal multa fl-ammont ta' €1,500 (elf u hames mitt Ewro;
Tordna wkoll il-konfiska ta' l-ezebiti kollha ai termini ta' l-Artikolu 23 tal-Kapiotlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------